Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9822/21

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0001/B(COD)**

CODEC 897
IXIM 123
FRONT 235
VISA 133
SIRIS 62
COPEN 271
COMIX 323

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-7 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikoli 82(1) u 87(2) TFUE.

2. Fis-7 ta' Ġunju 2021, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[2].

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill[3] japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument
PE- CONS 16/21, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

[1] 5071/19.
[2] 9596/21.
[3] Id-Danimarka u l-Irlanda mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

4. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ser jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.